MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 761/2006

**Talba Nru: 761/06PBC**

**Paolo Bonnici Limited (C4186)**

**Vs**

**Anthony Dowling K.I. Nru. 428059 (M) f'ismu propju u ghas-socjeta' CAYMANIA Company Limited (C22906)
u b'digriet tat-Tribunal tat-8 ta' Jannar, 2007 gie nominat
Kuratur Deputat Dr Richard Sladden biex jirrapprezenta
lill-assenti Anthony Dowling**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u hamsa u hamsin Euro u wiehed u hamsin Euro cents (€1,255.51) - (Lm538.99c) kwantu ghal mija u wiehed u erbghin Euro u tmienja u tmenin Euro cents (€141.88) - (Lm60.91c) prezz ta' merkanzija varja principlament xorb u nbid mibjugh u kkonsenjat fin-Nostalgia Restaurant San Pawl il-Bahar, u kwantu ghal elf, mija u tlettax-il Euro u tlieta u sittin Euro cents (€1,113.63) – (Lm478.08c) valur ta' konsenja nbid lilu avvanzat.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Ramon Rossignaud li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u hamsa u hamsin Euro u wiehed u hamsin Euro cents (€1,255.51) - (Lm538.99c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------